MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2013

Numru. 1283/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**-omissis-**
**Darren Spiteri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Darren Spiteri detentur tal-karta tal-identita` numru 352279 (M).

Akkuzat talli:
F’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn is-17 u 18 ta’ Novembru, 2011 ghal habta ta’ 00:15hrs waqt li kienj fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, ikkommetta serq ta’ fuel minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAJ115, tal-ghamla JCB ghad-detriment ta’ Angelo Galea  u/jew persuni ohra,

liema serq huwa ikkwalifikat bil-‘hin’ u bix-‘xorta tal-haga misruqa’.

Rat l-ezami tal-imputat Darren Spiteri fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuza kif dedotta kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ghandu fedina penali netta u li kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni.

Semghet l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuza kif dedotta kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 270, 271(g) tal-Kap 9 qed issib lill-imputat Darren Spiteri hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------